

MARL



MALTA

Fuljett maħruġ mill-MARL

Għad-Dilettanti tar-Radju

Maltin u Għawdxin

Numru 42

settembru 2009

Fiċ-Ċentru mhux permess tipjip

Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Settembru 2009 li hija t-42 ħarġa ta' din is-sensiela.

Kif għednilkom fil-fuljett ta' qabel dan, fid-19 ta' Lulju **Dominic**, **9H1M**, għamel attentat biex issir komunikazzjoni bit-televiżjoni minn **Malta** għal **Korfu**, imma l-propagazzjoni ma kinitx tajba għal kollox. Kellu jsir attentat ieħor il-Ġimgħa ta' wara, imma anki dak in-nhar il-propagazzjoni ma kinitx tajba.

Issa rridu nifirħu li **Dominic**, **9H1M** u lil sħabu li rnexxilhom iwaqqfu tul dinji ġdid billi għamlu kuntatti permess tat-Televiżjoni bejn **Malta** u **Korfu** fuq tul ta' **620 kilometru**.

Dan il-kuntatt sar fuq il-frekwenza ta' **1280 MHz** fejn huma irnexxilhom jittrasmettu u jirċievu s-sinjali televiżivi trasmessi minn **Korfu**. Il-metodu ta' propagazzjoni kien **Tropo.**

Infakkrukom kif qabel kienu għamlu kuntatt ma' **Sardinja** permezz tat-televiżjoni. Dettalji ssibuhom fil-**Fuljett** numru **31**.

Ma nistgħux ma nifirħux ukoll lil **Mansueto**, **9H1GB**, li fl-istess jum ukoll mix-**Xgħajra** ta' **Ħaż-Żabbar** irnexxilu wkoll jagħmel kuntatt ieħor permezz tat-televiżjoni ma' **Korfu** fuq tul ta' **617-il kilometru**.

Mansueto għamel ukoll video fuq il-**youtube** fejn wieħed jista' jara kif **Mansueto** kien qiegħed jirċievi s-sinjali ta' **OE3MZĊ** minn **Korfu**. Il-metodu ta' propagazzjoni kien **Tropo**.

Meta l-istampa titlaq mhux minħabba l-propagazzjoni, imma minħabba vapuri merkantili li kienu għaddejjin quddiem id-direzzjoni minn **Malta** għal **Korfu**.u problema bl-antenna.

Ritratti u aktar dettalji ssibuhom aktar 'il quddiem f'dan l-istess fuljett. Nifirħulhom kollha u prosit li bqajtu tippruvaw sakemm irnexxilkom.

Dawn huma attivitajiet tajba li juru li f'Malta għandna lil min mhux biss huwa interessat fid-delizzju tagħna, imma li jridu jkunu minn ta' quddiem biex jinkisru t-tulijiet miksuba qabel.

Għal Settembru se jkollna ikla għaġin. Dettalji aktar 'l isfel

Bħal dejjem, nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-**QSL** tiegħi jew tistgħu tibgħatuha fuq l-e-mail tiegħi **9h1av at searchmalta dot com**.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Taħbil il-moħħ

Illum ghandkom ftit taħbil il-moħħ ħalli tippruvaw issolvu problema. Illum naghtukom il-problema u darba oħra nagħtukom is-soluzzjoni għall-problema u nagħtukom xi taħbil il-moħħ ieħor.

Lukanda bi tmien sulari

It-Tmien sular 8	**Bozza**
7	
6	
5	
4	
3	
2	
||| Tliet swiċċijiet	

Illum se niltaqgħu ma wieħed li kien jaħdem ġewwa lukanda u kellu problema. Huwa kien isfel fejn kien hemm tliet swiċċijiet tad-dawl elettriku li wieħed minnhom kien jixhel bozza tal-100 watt fit-tmien sular

Il-problema kienet li ried ikun jaf liema swiċċ minnhom kien jixhel il-bozza, imma apparat biex biex jara liema minnhom kien jixhela bħal ma ngħidu aħna turnavit, meter eċċ ma kellux, anzi ngħidu li ma kellu assolutament xejn.

Madankollu, huwa ma riedx li joqgħod jixhel is-swiċċijiet wieħed wieħed u kull darba joqgħod jitla t-taraġ għaliex lift ma kienx hemm. Huwa ried li ma jitlax aktar minn darba waħda.
Kif għamel biex isolvi l-problema?

Tweġiba fil-Fuljett li jmiss u radd il-ħajr lil **Dominic 9H1M.**

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

500 kHz

L-Istati Magħquda ta' l-Amerika kienu l-ewwel pajjiż li taw allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju fuq din il-frekwenza. Wara kien hemm pajjiżi oħra li dejjem qegħdin jiżdiedu li qed jawtorizzaw lid-dilettanti tar-radju tagħhom jużaw din il-frekwenza.

Issa, mit-28 ta' Lulju, id-dilettanti tar-radju Amerikani ingħataw aktar wisgħa ta' frekwenzi fuq din il-frekwenza biex ikunu jstgħu jaħdmu u jesperimentaw aħjar. Il-paġna li wieħed jista' jara fejn hemm id-dettalji kollha dwar din il-frekwenza u l-esperimenti li qegħdin isiru fuqha hija http://www.500kc.com/

Paġni oħra ta' l-internet li jagħtu dettalji huma
http://www.arrl.org/news/stories/2006/09/15/104/ kif ukoll
http://www.arrl.org/news/stories/2009/07/31/10997/?nc=1

Waqt li qabel id-dilettanti tar-radju Amerikani kienu awtorizzati li jużaw minn **505 – 510 kHz**, issa huma jistgħu jużaw minn **495 – 510 kHz**. Huma mhux se jużaw **500 kHz** eżatt biex iħallu din il-frekwenza tintuża minn stazzjonijiet ta' wirt storiku jużawha huma.

Stazzjonijiet ta' wirt storiku huma stazzjonijiet tal-kosta li wara li waqfu jużaw il-**500 kHz** kien hemm numru ta' nies li ingħataw permess iżommuhom fi stat li jaħdmu kif kienu qabel u

hemm jiem fejn dawn jintużaw minn dawn id-dilettanti bħala tifkira ta' kemm kienet tintuża l-frekwenza ta' **500 kHz** u kemm kienet mezz biex jiġu salvati nies u vapuri.

L-organizzazzjoni ta' dawn l-istazzjonijiet ta' wirt storiku hija l-**Maritime Radio Historic Society** li l-arma tagħha tidher hawn taħt u hija meħudha mill-paġna ta' l-internet tagħhom. Aktar dettalji wieħed jista' jiksibhom minn din il-paġna http://www.radiomarine.org/

MARITIME RADIO HISTORICAL SOCIETY
Incorporated



Din il-mappa turi fejn jinsabu dawn l-istazzjonijiet tad-dilettanti tar-radju Amerikani li qed jaħdmu fuq din il-frekwenza u hija meħudha minn fuq il-paġna ta' l-internet tagħhom http://www.500kc.com/

Kif ktibt kemm-il darba hemm pajjiżi oħra li taw allokazzjoni lid-dilettanti tagħhom fuq din il-frekwenza u hija ħasra li Malta dejjem nibqgħu għall-aħħar għaliex l-awtoritajiet ma jieħdux deċiżjoni biex jagħtu allokazzjoni lid-dilettanti tar-radju Maltin u Għawdxin qabel ikun hemm deċiżjoni mill-**Għaqda Internazzjonali tat-Telekomunikazzjoni** l-**ITU**.

Pajjiżi oħra ma jagħmlux hekk u għalhekk issib id-dilettanti ta' pajjiżi oħra fuq quddiem bl-esperimenti u bl-iżviluppi fid-dinja tar-radju u tat-teknoloġija.

Anki d-dilettanti tar-radju Maltin u Għawdxin huma kapaċi jesperimentaw u jagħmlu żviluppi ġodda u jiksbu affarijiet ġodda jekk jingħataw iċ-ċans mill-awtoritajiet kif jixhdu l-kuntatt li għadu kif sar bit-televiżjoni u li għandkom dettalji tiegħu aktar ‘l isfel fejn inkiseb tul bejn l-istazzjonijiet li kiser it-tul dinji miksub qabel minn dilettanti tar-radju.

Tgħid forsi xi darba l-awtoritajiet Maltin jitgħallmu u jħallu lid-dilettanti tar-radju Maltin u Għawdxin ikunu fuq quddiem fl-esperimenti tagħhom mal-bqija tad-dilettanti tar-radju minn madwar id-dinja?

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Kondoljanzi

F’ismi personalment u f’isem il-**MARL** nagħtu l-kondoljanzi tagħna lil **Joseph**, **9H1JP**, lil ħutu u l-familji tagħhom u ningħaqdu fin-niket tagħhom għall-mewt ta’ missierhom Emanuel nhar il-Ħamis 30 ta’ Lulju. Din kienet it-tieni telfa fi żmien qasir għall-familja Bugeja għaliex seba’ xhur ilu kienet mietet ukoll ommhom.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

9H1M Dominic

Għadni qed nistenna r-ritratti u d-dettalji eżatti mingħand il-grupp ta’ **Dominic** li waqqfu tul dinji ġdid billi għamlu kuntatti permess tat-Televiżjoni bejn **Malta** u **Korfu** fuq tul ta’ **620 kilometru**.

Ritratti u dettalji ta’ Mansueto 9H1GB

Dawn huma d-dettalji ta’ l-apparat u ritratti li juru kif **Mansueto** irnexxilu jikkomunika bit-televiżjoni ma’ **Mike SV8/OE3MŻĊ** li kien jinsab **Korfu** għall-vakanzi. Dawn il-komunikazzjonijiet saru fuq il-firxa ta’ frekwenzi ta’ **24 centimetru**.

Nonimattivi	**9H1GB**	**SV8/OE3MZĊ**
Data	**02.08.2009**	
Ħin	**19.15UTC**	
Frekwenza	**1275MHz**	**1275MHz**
Post	**Xgħajra Ħaż-Żabbar Malta JM75GV**	**JM99TR**
Tul	**617Km**	

Apparat

Tx	**4 Kanali għamlu huwa**
Saħħa	**11.5 Watts**
Rx	**Riċevitur tas-satellita Strong**
Antenna	**10 elementi għamilha huwa**
Preamplifikatur	**12dB mmic għamlu huwa**

Mansueto għamel ukoll video fuq il-**youtube** li juri kif huwa beda jirċievi l-istampa ta’ **SV8/OE3MZĊ**. Il-ħolqa ta’ l-internet tal-**youtube** fejn hemm video li juri l-kuntatt hija
http://www.youtube.com/watch?v=L5ODXLTCSgo

Nifirħu lil dawk kollha li jagħmlu xi ħaġa ġdida f’Malta jew jagħmlu xi ħaġa aktar milli jkun għamel ħaddieħor.

PAL
4:3
/HD/Video/VID0018
SAMSUNG


CN650
SWR & POWER METER
DAIWA
POWER RANGE
2 W
20W
OFF

Il-membri tal-MARL mistiedna

Il-membri tal-**MARL** kienu mistiedna mill-Kappillan ta' Ħ'Attard biex min irid imur għal quddiesa li saret nhar il-Ħamis 6 ta' Awissu fil-parroċċa ta' Ħ'Attard għal dawk li jaħdmu fil-medja jew jittrasmettu għas-semmiegħa. Wara kienu mistiedna għal riċeviment fis-Sala tal-Parroċċa.

Għal din il-quddiesa marru l-membri tal-Kumitat **9H1ES**, **9H1PI**, **9H1JT** u **9H1AV u XYL**, kif ukoll **9H1AQ** u **9H1FX**. Hawn taħt għandkom xi ritratti ta' din l-okkażjoni.

Kienet tkun aktar okkażjoni sabiħa kieku ġew aktar membri, imma minħabba li ġejna avżati biss jumejn qabel kull ma stajna nagħmlu kien avviż fuq il-grupp tal-jaħoo.

Din hija okkażjoni li ssir kull sena u għalhekk ikun tajjeb li wieħed iniżżilha fid-djarju biex is-sena d-dieħla jiftakar u jieħu sehem.

Għalkemm il-medja kollha kienet mistiedna kien hemm nuqqas ta' attendenza u wieħed kien jistenna li meta għandna daqstant gazzetti, pubblikazzjonijiet, stazzjonijiet tar-radju nazzjonali u lokali kif ukoll stazzjonijiet tat-televiżjoni l-attendenza kienet tkun ħafna aktar milli kienet.

Jekk il-medja stess ma tieħux sehem f'okkażjonijiet bħal dawn kif tista' tistenna li n-nies jagħtu aktar każ tagħha?

9H1FX **9H1ES 9H1PI 9H1JT 9H1AQ**

9H1PI 9H1ES

9H1AQ

Il-Knisja tal-parroċċa ta' Ħ'Attard

9H1ES 9H1PI 9H1FX 9H1AQ 9H1JT

9H1ES 9H1PI 9H1AV 9H1AQ 9H1JT

9H1FX 9H1PI

9H1JT 9H1ES 9H1AQ

Ritratti 9H1AV

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Ritratti Interessanti

Illum ħsibt li nagħtikom żewġ ritratti interessanti li għadni kif ħadt dwar xi ħaġa antika u li hija parti mill-istorja ta' Malta u ta' Ħaż-Żabbar. Dawn iż-żewġ ritratti li ġejjin juru balla ta' kanun imwaħħla ma' ħajt ta' dar ġewwa Ħaż-Żabbar liema balla kienet ġiet sparata mis-suldati Franċiżi fl-1798/99 meta dawn ġew assedjati mill-Maltin mit-2 ta' Settembru 1798.

Għalhekk din il-balla ilha mwaħħla mal-ħajt ta' din id-dar għal dawn l-aħħar mitejn u għaxar snin. Dan ifisser li dik id-dar għandha aktar minn mitejn u għaxar snin u li quddiemha ma kienx hemm djar oħra mibnija, għalmenu b'żewġ sulari. Din il-balla ġiet sparata minn fuq is-swar min-naħa ta' Bormla fejn darba kellna iċ-Ċentru tal-**MARL** li jiġi ħdejn il-Kulleġġ St Edward jiġifieri Bieb Cottoner.

Dawk li ma jiftakrux il-**MARL** konna niltaqgħu fil-bini ta' Bieb Cottoner minn fejn hemm veduta eċċellenti għax jinsab fl-għoli, liema bini llum jinsab għand **Wirt Malta** li qed jirranġawh u jirrestawrawh.

Min irid jara l-balla li tidher fir-ritratti jista' jmur Ħaż-Żabbar u jistaqsi fejn hija Triq Bajada. Il-balla tinsab madwar 25 metru minn fejn tibda Triq Bajada in-naħa tal-**Każin tal-Banda Madonna tal-Grazzja San Mikiel** li quddiemu hemm xelter kbir tal-gwerra li jinfetaħ f'ċerti okkażjonijiet bħal ma huma l-Ġimgħa l-Kbira.



Il-balla tidher f'nofs ir-ritratti

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Fil-Fuljett numru 39 kien hemm dan ir-ritratt fuq ix-xellug fejn jingħad li dan huwa **G3TZM/9H3BX** **William u l’XYL.** Kien hemm żball għaliex dak huwa ħaddieħor u mhux **G3TZM**. Fil-fatt **G3TZM**/**9H3BX** jidher fir-ritratt tal-lemin fin-nofs.

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Ġamboree fuq l-Arja

jota joti
52nd / 52e On the Air / Sur les Ondes
JAMBOREE On the
13th / 13e Sur Internet
17-18 October / Octobre, 2009

Bejn is-Sibt 17 u l-Ħadd 18 ta’ Ottubru 2009 se jerġa’ jsir il-Ġamboree ta’ l-iScouts. Dan se jkun it-52 Ġamboree fuq l-Arja u t-13-il Ġamboree fuq l-internet.

Il-**MARL** bi ħsiebha terġa’ tieħu sehem f’din l-attivita’ bħal ma tagħmel is-soltu u għalhekk huma meħtieġa operaturi biex iħaddmu l-istazzjon tagħna.

Għaldaqstant jekk jogħġobkom tħallux għal-aħħar u fittxu infurmaw lil **Ivan**, **9H1PI** jekk inthom bi ħsiebkom tieħdu sehem mal-**MARL** f’din l-attivita’

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Astronomija

Waħda mill-attivitajiet li d-dilettanti tar-radju jagħmlu huwa li jużaw il-meteoriti biex jirriflettu s-sinjali tar-radju mill-faxx ionizzat li jħallu warajhom meta jinħarqu fl-atmosfera tad-dinja.

Wieħed jista’ jgħaqqad dan id-delizzju mad-delizzju l-ieħor ta’ l-astronomija. Għal dan il-għan hemm l-Għaqda ta’ l-Astonomija ta’ Malta, The Astronomical Society of Malta li wieħed isib il-paġna ta’ l-internet tagħhom fuq www.maltastro.org

Hemm ukoll il-grupp li jfittex li jgħarraf lil kulħadd dwar kif id-dawl artifiċjali itellef lil min irid josserva s-sema. Dan huwa il-Light Pollution Awareness Group li wieħed jista’ jsib il-paġna ta’ l-internet tagħhom fuq www.maltastro.org/lpag

Il-koordinatur ta' dan il-grupp huwa Coordinator LPAG Architech Alexei Pace
lpag at maltastro.org

Madankollu, wieħed jista' joqgħod josserva s-sema mill-kumdita' ta' darhu jekk jistalla programm li jismu Stellarium software. Dan il-programm għandu ipprogrammat fih miljuni ta' kwiekeb u affarijiet oħra u li tkun qed tara huwa dak li jkun hemm fil-programm, imma tara kollox fuq il-kompjuter.

Jekk wieħed irid jara s-sema naturali jista' joħroġ barra u josserva kollox, imma bid-dwal tat-toroq wieħed ma tantx jara kwiekeb. Jekk wiehed imur fuq il-baħar ikun mistagħġeb bl-eluf ta' kwiekeb li jara b'għajnejgħ stess mingħajr l-ebda għajnuna ta' tromba jew teleskopju.

Wieħed jista' jniżżel dan il-programm minn fuq il-paġna ewlenija http://www.stellarium.org/ jew jekk trid tista' tmur direttament skond is-sistema operative tal-kompjuter tiegħek.

Ħolqa Linux http://downloads.sourceforge.net/stellarium/stellarium-0.10.2.tar.gz

ĦolqaMac http://downloads.sourceforge.net/stellarium/stellarium-0.10.2.dmg

Ħolqa Windows http://downloads.sourceforge.net/stellarium/stellarium-0.10.2.exe

Il-Manwal ta' gwida jitnizzel minn fuq
http://garr.dl.sourceforge.net/project/stellarium/Stellarium-user-guide/0.10.2-1/stellarium_user_guide-0.10.2-1.pdf

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Attivita' Skandinava

L-Għaqda tad-dilettanti tar-radju Norveġiżi, in-**Norwegian Radio Relay League NRRL** qed tistieden lid-dilettanti tar-radju biex jieħdu sehem fl-attivita' li torganizza kull sena, li din is-sena hija l-51 darba li din' l-attivita' qed tiġi organizzata.

Din l-attivita' hija magħrufa bħala Scandinavian Activity Contest 2009 u din is-sena se ssir hekk.
CW – 19th-20th Settembru 12.00-12.00 UTC
SSB – 26th-27th Settembru 12.00-12.00 UTC

Iktar informazzjoni minn fuq http://www.sk3bg.se/contest/sacnsc.htm

Paġna ta' l-internet għal din l-attivita' http://www.qrq.se/sac/

Biex tinforma li se tieħu sehem http://qrq.se/sac/english/announce-your-sac-operations/

Radd il-ħajr lil **Ivan**, **9H1PI** u lil **Liv LA4YW**

Lawrence
9H1AV/9H9MHR

Attivitajiet

Lejla Għaġin

Nhar is-Sibt 26 ta' Settembru se ssir ikla għaġin fiċ-Ċentru tal-MARL ġewwa Ħ'Attard fit-8 ta' filgħaxija.

Se jkun hemm numru ta' għaġin differenti bi zlazi differenti, kemm għal dawk li huma veġetarjani kif ukoll għal dawk li jieklu l-laħam, kemm zlazi normal kif ukoll dawk jaħarqu, bil-laħam jew bil-ħut.

Il-ħlas huwa ta' 12-il € li jinkludi wkoll l-inbid.

Fittxu ibbukkjaw kmieni għax ma tilħqux.

Grupp tal-Yahoo

Oqgħodu attenti u idħlu fil-grupp tal-yahoo ħalli tkunu nfurmati sewwa bl-aħħar attivitajiet li nkunu se nagħmlu.

Tinsewx li se jkollna attivitajiet għat-tliet xhur li ġejjin u jista' jkun li ma jkunux jistgħu jidhru fuq dan il-fuljett minħabba li jkun diġa' ħareġ u għalhekk l-avviż isir fuq il-grupp permezz ta' l-internet. Għalhekk ħudu ħsieb li jekk m'inthomx fil-grupp tfittxu tidħlu ħalli ma titilfux xi attivita' li nkunu sejrin norganizzaw. Ibghatu ittra elettronika lil Ivan, 9H1PI fuq ivan.privitera at gmail.com biex issiru membri tal-grupp

Lawrence
9H1AV/9H9MHR